# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Diċembru 2013 — Teughels vs Il-Kumissjoni**

**(Kawża F-117/11)** ([1])

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba minn skema ta' pensjoni nazzjonali — Regolament li jadotta r-rata tal-kontribuzzjoni fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni — Adattament tal-valuri attwarjali — Neċessità li jiġu adottati dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni — Applikazzjoni ratione temporis tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda)*

(2014/C 31/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Catherine Teughels (Eppegem, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kumissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Likwidazzjoni tad-drittijiet individwali li tistabbilixxi d-drittijiet għall-pensjoni tal-irtirar tar-rikorrenti u tal-kalkolu ta' numru ta' snin li għandhom jiġu kkunsidrati fl-istabbiliment ta' dawn id-drittijiet.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati l-ispejjeż inkorsi minn C. Teughels.*

([1]) ĠU C 25, 28.01.2012, p. 70.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Diċembru 2013 — Verile u Gjergji vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-130/11)** ([1])

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba lejn skema ta' pensjoni nazzjonali — Regolament li jadatta r-rata tal-kontribuzzjoni mal-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni — Adattament tal-valuri attwarjali — Ħtieġa li jiġu adottati dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni — Applikazzjoni ratione temporis tad-dispożizzjonijiet ġenereali ta' eżekuzzjoni ġodda — Irtirar ta' proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz — Legalità — Kundizzjonijiet)*

(2014/C 31/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Marco Verile (Cadrezzate, l-Italja) u Anduela Gjergji (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u S. Orlandi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u J. Baquero Cruz, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz tal-Kummissjoni fuq il-bażi tal-proposta ta' kalkolu mill-ġdid tal-PMO.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Mejju 2011 u tad-19 ta' Mejju 2011 indirizzati rispettivament lil M. Verile u lil A. Gjergji huma annullati.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti minn M. Verile u minn A. Gjergji.*

([1]) ĠU C 65, 03.03.2012, p. 22